9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 62**

**It-Tnejn, 13 Frar 2023**

Il-Laqgħa numru 62 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**62.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farrugia ma setgħetx tkun preżenti minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**61.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 61 ġew approvati unanimament.

**62.2.2 Korrezzjonijiet**

61.2.2.1 Minuta 61.3.4 – flokk "kiema" issir "liema"

61.2.2.2 Minuta 61.3.6 – flokk “iskar” issir “skart”
61.2.2.4 Minuta 61.3.7 – flokk “konka” issir “planter”

**62.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**62.3.1** Minuta 62.3.5 – Is-Sindku informa lill-membri li fuq Jum Santa Venera il-Kunsill kellem ukoll lill-Awdituri ta’ dak iż-zmien fejn infurmaw li kien hemm Memo li kienet inħarget mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl-2010. F’dan ir-rigward il-Kunsill bagħat għall-kjarifika lild-Dipartiment sabiex naraw jekk din il-memo għadhiex fis-seħħ.

**62.3.2** Minuta 62.3.7 - Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fi Triq il-Kbira San Ġużepp beda. Apparti minn, ġie nnutat li fejn hem il-konok il-vojta dawn qed jingħalqu bil-konkos meta suppost kellhom jitħawwlu siġar ġodda.

Is-Sindku qal ukoll sabiex quddiem iz-zuntier tal-Knisja jsir b’materjal differenti sabiex tingħata dehra isbaħ.

F’din id-diskussjoni s-Sindku qal li ser jagħmel kuntatt mas-Sindku tal-Ħamrun rigward lampi dekorattivi li ser isiru fil-Ħamrun sabiex b’hekk it-Triq il-Kbira kollha tkun uniformi f’dawn il-lampi dekorattivi. Ġaladarba jkun hemm ftehim dawr id-disinn ta’ dawn il-lampi l-Kunsill ikun irid iqabbad inġinier sabiex jara kif iridu jiġu nstallati. Kien hem qbil sabiex jitqabbad l-inġinier tar-Reġjun għal dan il-għan.

Ġie rrimarkat ukoll sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill iftixxu jibgħatu l-applikazzjoni lill-ERA għall-permessi meħtieġa sabiex is-siġar li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp ikunu rilokati.

**62.3.3** Minuta 61.4.1 – Is Sindku informa lill-membri li l-attivita’ karnivaleska li kellha issir tħassret minħabba l-maltemp.

**62.3.4** Minuta 61.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ikkonferma li l-Assoċjazzjoni Kulturali ZARARTI ser itellgħu wahda mill-produzzjonijiet tagħhom fl-Istitut Apap relatata ma’ Jum l-Omm fis-6 ta’ Mejju 2023 u kif ukoll kif dejjem sar kull sena, il-Kunsill Lokali ser jorganizza l-kunċert b’permezz tas-Soċjeta Filarmonika Santa Venera fl-Istitut Apap nhar it-13 ta’ Mejju 2023.

**62.3.5** Minuta 61.5.5 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand EWORLD Ltd. Fejn dawn infurmawna li ma qablux ma deċizjoni tal-Kunsill u talbu għal possibilta ta’ reviżjoni. Wara diskussjoni l-Kunsill b’vot unanimu ddikjara l-istess deċiżjoni u baqa konformi magħha cioe li l-ħin ikun mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-0800hrs u 1200hrs.

**62.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**62.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li kellu diskussjoni mas-Sa Romina Frendo dwar iffirmar ta’ MOU bejn il-Kunsill u l-NGO RAR sabiex b’hekk jibda jkun hemm skont speċjali meta jsir neutering tal-qatates. Wara diskussjoni l-membri qablu b’mod unanimu dwar dan.

## 62.5 Rapporti / Korrispondenza

**62.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumitat Festi Esterni Santa Venera fejn bħala proġett ġdid għall-festa 2023, il-kumitat se jkun qiegħed iniedi sett ta' bandalori ġodda għall-pjazza ta' fejn l-iscouts, biex iktar residenti ikollhom t-triq tagħhom armata għall-festa u għaldaqstant il-kumitat jixtieq l-intervent tal-kunsill.

.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament

**62.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, permezz tal-President, hija rappreżentata fuq il-Bord tal-ECAD (European Cities Against Drugs). Din l-Organizazzjoni, hija waħda volontarja li għal dawn l-aħħar snin ħadmet bla heda sabiex tara' li jkun hemm miżuri restrittivi kemm jista' jkun għal użu ta' sustanzi illeċiti, partikolarment f'etajiet żgħar. Dan isir b'diversi modi fosthom; materjal ippublikat, laqgħat ta' informazzjoni f'pajjiżi diversi, skambju ta' ideat, laqgħat bilaterali, 'webinars' u konferenzi. Ta' min jinnota l-fatt li ECAD wara diskussjonijiet mal-'World Federation Against Drugs' ffirmat ftehim ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni bejn iż-żewġ naħat. Dan ikompli jagħti valur miżjud ix-xogħol li qed twettaq din l-Organizazzjoni fis-sehem tagħha sabiex ikollna aktar bliet ħielsa mid-droga illeċita'.

Il-ħlas dovut għal din il-'membership' hu ta' €250 li tkopri sena sħiħa.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament

**62.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fuq programm edukattiv online imsejjaħ iSupport li huwa kors ta' għajnuna għal dawk li jieħdu ħsieb persuni bid-dimensja, imfassal mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Dan il-programm edukattiv onlajn huwa disponibbli mingħajr ħlas.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha biex jintghażlu persuni minn kull Kunsill biex jattendu dan il-kors u b'hekk ikunu jistgħu jagħtu s-support tagħhom lir-residenti li jiġu bżonn dan is-servizz.

Il-kors għandu 5 taqsimiet u jieħu madwar 7 sigħat biex jitlesta kompletament. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament sabiex nipparteċipaw.

**62.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-Parroċċa Santa Venera fejn l-Abbatini Karmelitani Santa Venera ser itellgħu dramm tal-Passjoni bl-isem "Il-Ġrajja tal-Ikbar Imħabba", fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera, is-Sibt 1 t'April 2023, fis-7.00 p.m. Fejn qed jitolbu li l-attivita tiġi organizzata flimkien mal-istess Kunsill Lokali. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament u ser jiġi provdut *sound* u dawl.

**62.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand Reġjun Nofsinhar fejn infurmawna li għall-ewwel darba ser issiru tiġrijiet taż-żwiemel fejn il-

Kunsill ser ikollu żiemel abbinat miegħu. Din l-attivita' ser issir il-Ħadd 5 ta' Marzu 2023 bejn 1300hrs sa 1430hrs ġewwa The Malta Equidrome il-Marsa.

**62.5.6** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Proġett Green fejn ġiet imnedija l-*Community Greening Grant*, li hija skema ta' għotjiet biex tassisti lill-Kunsilli Lokali fil-ħolqien ta' spazji pubbliċi ħodor innovattivi, bħala parti minn network ta' infrastruttura ħadra, u mfassla biex tinkoraġġixxi l-mobilità attiva u l- appoġġ għall-bijodiversità. L-iskadenza għall-applikazzjonijiet għall-Għotja hija t-28 ta' Frar 2023.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-Kunsill japplika għall-proġetti ta' Pjazza Franka fejn jibqa prijorita' invista li hemm id-dokumenti kollha lesti.

**62.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Alfred Mizzi f'isem il-fondazzjoni Wirt Vendriz fejn ġejna nfurmati li l-Fondazjoni Wirt Vendriż ħejjit bust ta' Patri Ġustin Sant għal okkażjoni tal 100 sena mit-twelid tiegħu li kienet is-sena li għaddiet.

Il-ħsieb tal-Fondazzjoni hu li dan il-Bust jitpoġġa fil-Ġnien Romeo Romano flimkien ma dak ta' Dun Xand Cortis li jinsab fuq barra tal-ġnien. Wara diskussjoni il-Kunsill qablu sabiex il-Fondazzjoni Wirt Vendriz jibgħatu site plan ta' fejn qed jipproponu li jsiru dawn iż-żewġ bustijiet.

**62.5.8** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva petizzjoni mingħand ir-Residenti li joqgħdu fil-blokka 302 Wigncourt fi Triq il-Kanun fejn dawn jixtieq li ssir sleeping police quddiemhom minħabba li l-karozzi qed jgħaddu b'velocita' eċċessiva.

Wara diskussjoni l-membri qablu ma din il-petizzjoni u galadarba l-istess petizzjoni ġiet iffirmata mir-residenti ta' fejn qed tkun mitluba l-isleeping police il-Kunsill qiegħedf'pożizzjoni li jitsa jipproċedi d'din it-talba lil Transport Malta.

## 62.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 62.6.1 Unaudited Financial Statement

Is-Sindku informa lill-membri li *unaudited financial statements* għadhom mhux lesti mill-Accountant u għaldaqstant ser tissejjaħ laqgħa b'urgenza qabel l-24 ta' Frar 2023 minħabba li jridu jkunu preżentati lill-Awditur Ġenerali u lid-Dipartiment qabel din il-ġurnata.

### 62.6.2 Quarterly Financial Report October 2022 – December 2022

L-istess bħal punt 62.2.1 tal-Minuti

### 62.6.3 Contracts Manager

Is-Sindku talab lill-Contracts Manager is-Sur Raphael Carabott sabiex jagħti randikont tax-xogħol li qed isir madwar Santa Venera. Is-Sur Carabott spjega li l-problema tal-knis għadha persistenti, fejn irrimarka li qabel ma jkun hemm kuntrattur fiss din il-problema ma tantx tista' tiġi riżolta malajr. Rigward il-ġbir tal-iskart huwa

qal li qed isiru spezzjonijiet fuq il-kuntrattur u jidher li l-affarijiet qed jinbidlu għal aħjar. Rigward il-kuntrttur tal-ġonna qal li x-xogħol qiegħed isir u issa fix-xhur li ġejjin ser jinżergħu fjuri staġjonali. F'dan il-ħin, is-Sindku rrimarka li kull kuntrattur għandu jieħu l-iniżżjattiva u ħadd ma għandu jistenna li jidħol ilment sabiex tittieħed azzjoni.

Wara diskussjoni fuq dawn ix-xogħolijiet il-Contract Manager ħa nota sabiex l-affarijiet kollha li ġew diskussi mill-membri tal-Kunsill jiġi ndirizzati.

**62.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**62.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 409 u Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Sur Gianluca Falzon u Sekondant: Is-Sa Roberta Sultana.

Ġie mitlub sabiex issir kjarifika fuq item 78 u item 88 tal-istess skeda qabel ma jsiru l-pagamenti ta' dawn imsemmija.

**62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**62.9 Lista ta' Ilemti**

**62.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 23 | Isir rilokazzjoni |
| 26 | Ma tistax issir |
| 27 | Issir work order lill-B Grima & Sons |
| 32 | Contracts Manager |
| 36 | Contracts Manager |
| 37 | Issir work order lill-Micmed u issir aplikazzjoni mall-ARMS |
| 38 | Irid insir enforcement |
| 63 | Issir work order lill-B Grima & Sons |
| 64 | Din trid issir minn kuntrattur privat |

## 62.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Marzu 2023, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 20 ta' Marzu, 2023